# Il-Vara l-Kbira li għamel id-dilettant Mosti Gio Maria Fenech

Joseph Borg



Gio Maria Fenech twieled il-Mosta fl-1883. Nafu li sa minn kmieni f'żogħżitu kien ibiegħ il-ħobż tant li baqa' magħruf bħala 'Ġamri tal-ħobż'. Kien jgħix mal-familja kbira li kellu f'numru 31, Triq il-Kungress Ewkaristiku, fejn kellu l-forn, megħjun minn martu Tereża u wliedu stess.

Ġamri kien imur ibiegħ il-ħobż biż-żiemel 'l barra mill-Mosta, saħansitra sa l-inħawi ta' tarf il-Ħamrun fejn illum hemm Santa Venera. Wieħed mill-parruċċani tiegħu ma kien ħadd għajr il-famuż statwarju Malti Karlu Darmanin. Issa, dan Karlu Darmanin (1825-1909), lejn l-aħħar snin ta' ħajtu, mill-Isla kien mar joqgħod f'tarf Triq Irjali l-Ħamrun (illum Santa Venera). Mhux għaġeb mela, li Ġamri, miġbud kif kien lejn l-arti tal-kartapesta sa minn żogħżitu, filwaqt li kien ibiegħ xi ħobża lil Darmanin, kien iħobb jieqaf xi ftit fl-istudju ta' dan l-imgħallem kbir filwaqt li dan kien ikun qed jaħdem xi waħda mill-istatwi tiegħu u hemmhekk jgħidu xi kelma flimkien.

Jien stess li qed nikteb, niftakar li darba smajt lil Ġamri jgħid li Darmanin kien iħobb jurih il-forma ta' wiċċ id-Duluri li kellu mdendla fil-ħanut u kien jgħidlu li xi darba xtaq jagħmel statwa oħra tad-Duluri li tkun taqbel iżjed mas-sett tal-vari tal-Ġimgħa l-Kbira tal-Mosta. Dan minħabba l-fatt li l-ewwel vara tad-Duluri li kien ħadem Darmanin stess kienet naqra żgħira paragunata mal-bqija tas-sett tal-vari l-oħra. Iżda Darmanin ma rnexxilux jagħmel id-Duluri li kellu fi ħsiebu li xi darba jagħmel għall-Mosta għax miet fis-26 ta' Novembru fl-għomor ta' 84 sena. Intant l-istatwa tad-Duluri, dik li għandna llum, saret mil-lavrant Qormi li kellu Darmanin, Karmnu Mallia fl-1918.

Ġamri tant kien dilettant li l-intrata ta' daru kien iħobb jibdilha f'naqra ta' kappella erba' darbiet fis-sena, għall-Ġimgħa l-Kbira, għal *Corpus Domini*, għall-Qalb ta' Ġesù u għal Santa Marija.

Niftakar li fi tfuliti meta kont abbati, għall-ħabta tal-bidu tal-ħamsinijiet tas-seklu li għadda, nhar *Corpus* kienet toħroġ il-purċissjoni Ewkaristika filgħodu wkoll. Matulha kienet tieqaf u tingħata l-Barka Sagramentali, l-ewwel fil-Knisja ta' San Anard, u qabel tidħol il-knisja terġa tingħata minn fuq artal armat apposta fl-intrata ta' Ġamri Fenech.



Kien għamel huwa stess l-istatwi tal-Qalb ta' Ġesù u tal-Qalb ta' Marija li kien jarmahom fiż-żewġ twieqi tal-faċċata ta' daru flimkien ma' xi angli. Dawn kien jarmahom fl-okkażjonijiet taż-żwieġ, festi Ewkaristiċi ta' *Corpus Domini*, u tal-Qalb ta' Ġesù. Bħala Mosti ma kienx jonqos li jarma wkoll għall-festa ta' Santa Marija bi statwa ta' l-Assunta li huwa stess kien ħadem.

Għall-Ġimgħa l-Kbira mbagħad, kien jarma l-grupp statwarju mdaqqas tal-Vara l-Kbira b'erba' persunaġġi li tlieta minnhom kien ħadimhom hu, jiġifieri d-Duluri, San Ġwann u l-Madalena. Dawn kien għamilhom fuq dawk tal-Mosta ta' Karlu Darmanin li tant kien jammira. Il-kurċifiss kien akkwistah mill-Knisja Arċipretali.

Huwa fatt magħruf fostna l-Mostin, li lejn nofs l-għoxrinijiet tas-seklu li għadda, il-vari tal-Ġimgħa l-Kbira kellhom bżonn min jiżbogħhom mill-ġdid. Ħadd ma' jiftakar li xi darba kienu nżebgħu minn meta dehru fostna. Kien tqabbad biex




*Il-Kurċifiss - xogħol ta' Vinċenzo Cremona*

jiżbogħhom Ġamri Fenech. Tax-xogħol tiegħu Ġamri ma' kien ħa xejn. Huwa kien talab biss li jagħtuh Kurċifiss imdaqqas bil-ġogi li kien jinsab abbandunat fil-kannierja tar-Rotunda.

Oriġinarjament, dan il-Kurċifiss kien sar għal waqt il-Priedka tat-Tliet Sigħat li kienet issir nhar il-Ġimgħa l-Kbira għall-ħabta tal-bidu tas-seklu li għadda. Dan il-Kurcifiss kien xogħol statwarju msemmi ieħor, Vincenzo Cremona (1815-1912). Kien sar bil-ġogi biex wara l-Priedka tat-Tliet Sigħat jinqala' u jitniżżel minn fuq is-salib f'cerimonja b'tifkira tad-depożizzjoni ta' Kristu min fuq is-Salib.

Intant, wara numru ta' snin, din iċ-ċerimonja nqatgħet u l-Kurċifiss bil-ġogi, ta' Cremona, sab ruħu abbandunat fil-Kannierja sakemm akkwistah GioMaria Fenech. Dan dritt ġietu l-idea li b'dan il-Kurċifiss ikun jista' jgħaqqad il-grupp statwarju tal-Vara l-Kbira li jkun jista' jarmaha f'daru għall-Ġimgħa l-Kbira filwaqt li jesponiha għall-pubbliku. Kemm dam jarma din l-istatwa ma nafx imma niftakar li rajtha armata fl-intrata ta' daru fl-okkażjoni tal-Ġimgħa l-Kbira ta' xi waħda mill-aħħar snin li esponiha għall-pubbliku fi Triq il-Kungress Ewkaristiku.

Ġara imma li, bħalma wisq jiġri fil-ħajja, li Ġamri kiber fis-snin u dawn id-drawwiet sbieħ kellhom jieqfu. Ġanni miet nhar it-22 ta' Mejju 1969 fl-età ta' 86 sena bil-Vara l-Kbira u l-affarijiet l-oħra li kien ħadem u li kien jarma, jgħaddu għand uliedu li għal bosta snin wara, żammewhom b'tifkira ta' missierhom fl-istess dar fejn ħadimhom.



*L-istatwi tal-Qalb ta' Marija u l-Qalb ta' Ġesù li għamel Ġamri Fenech*

Tnejn mid-disa' uliedu ħarġu bħal missierhom dilettanti tax-xogħol tal-kartapesta. Xogħol ibnu Ġużeppi huma s-sett statwi tal-Ġimgħa l-Kbira, maħdumin fuq dawk tal-Mosta, li rajnihom armati fil-Kappella ta' l-Oratorju Qalb ta' Ġesù. Tifkira ta' ibnu Manwel hija l-istatwa ta' San Anton Abbati li tinsab meqjuma fil-knisja ddedikata lilu ġewwa l-Mosta u l-oħra ta' Santa Marija Assunta li tinsab fil-MUSEUM tas-Subien. Jerġa', iben Manwel, Alessio, ħareġ bħal missieru u nannuh, dilettant tal-kartapesta, u ħafna huma l-istatwi sbieħ tiegħu li ħadem għal-dilettanti Mostin oħrajn.

Intant, wara daż-żmien kollu, il-Vara l-Kbira ta' Ġamri tal-ħobż kellha tibqa' qawwija u sħiħa ġewwa l-Mosta, wara li l-werrieta ta' GioMaria Fenech kellhom ibiegħuha. Flimkien ma' l-istatwi tal-Qalb ta' Ġesù u l-Qalb ta' Marija li ħadem huwa wkoll u ventartal li kien jarma, il-Vara l-Kbira għaddiet għand il-Perit Mosti Chris Grech li jgħożż b'entużjażmu dak kollu li hu Mosti.

*Riferezi*

A. Bonnici, *San Pawl il-Baħar - Parroċċa f'gieħ il-Madonna tad-Duluri* (Malta), 21, 22.

R. Mifsud Bonnici, Dizzjunarju Bijo-Bibljografiku Nazzjonali (Malta, 1960), 148,159.

Ħajr ukoll lil Gużeppi bin Manwel Fenech u Feliċ Ġużepp Fenech li għaddewli xi tagħrif dwar Ġamri, in-nannu tagħhom.